26 ta' Jannar 2019
15/2019

# VIGARJU EPISKOPALI ĠDID GĦALL-KLERU U L-PARROĊĊI

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Dun Noel Vassallo bħala Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi. Huwa ser jieħu post Mons. Frans Abdilla.

Dun Noel Vassallo twieled l-Imġarr fit-23 ta' Diċembru 1957. Huwa ġie ordnat saċerdot fid-29 ta' Ġunju 1984. L-ewwel impenn pastorali tiegħu kien fid-djar tat-tfal tal-Knisja waqt li kien jgħin ukoll fil-parroċċa tal-Imġarr. Fl-1991 inħatar direttur tad-djar tat-tfal tal-Knisja fejn serva għal sitt snin.

Dun Noel serva wkoll bħala kappillan tal-parroċċa tal-Manikata (1994), kappillan tal-parroċċa ta' Kristu Re, Raħal Ġdid (1997) u kappillan tal-parroċċa ta' Ħ'Attard (2006).

L-uffiċċju tal-Vigarju Episkopali għall-Kleru u l-Parroċċi huwa responsabbli mill-formazzjoni u l-animazzjoni tal-kleru, il-parroċċi, u l-well-being tas-saċerdot.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

**Indirizz Postali**
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

**Tel.** +356 2124 1281
**Email.** media@maltadiocese.org
**www.knisja.mt**